**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2018 – Electroquímica Onubense vs ECHA**

**(Kawża T-481/18)**

(2018/C 352/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Electroquímica Onubense, S.L. (Palos de la Frontera, Spanja) (rappreżentant: D. González Blanco, avukat)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni ġdida peress li Electroquímica Onubense (EQO) tikkonforma mar-rekwiżiti ta' impriża ta' daqs medju għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-drittijiet għar-reġistrazzjoni ta' prodotti mal-ECHA.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li r-rapport għall-kalkolu ta' SME meħmuż mad-deċiżjoni kkontestata jirreferi għar-rabta tagħha ma' ERCROS fis-snin 2013 u 2014, peress li l-awtur ta' dan ir-rapport ma kienx jaf, b'fatt daqstant rilevanti bħall-kostituzzjoni ta' din fi Frar 2015, b'kapital azzjonarju ta' EUR 3 000, il-kapital minimu li huwa legalment meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni kummerċjali Spanjola. F'dan ir-rigward, huwa ddikjarat li l-fatt imsemmi hawn fuq dwar il-kapital azzjonarju tal-kumpannija l-ġdida kien il-fattur determinanti sabiex issir id-dikjarazzjoni dwar din bħala "imrpiża żgħira", peress li effettivament EQO kienet tissodisfa l-parametri meħtieġa mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ u ma huwiex xieraq li s-sehem ta' ERCROS f'din jista' jibdilha, waħdu, f'"impriża ta' daqs kbir".

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li ERCROS kienet l-unika azzjonist ta' EQO matul il-perijodu bejn il-kostituzzjoni tal-kumpannija (18 ta' Frar 2015) u t-trasferiment tal-ishma lil SALINAS DEL ODIEL (2 ta' Ġunju 2015), u b'karatteristika li hija sempliċement konġunturali jew strumentali, sabiex tiffaċilita t-trasferiment tal-proprjetà ta' EQO lid-destinatarju finali tagħha, SALINAS DEL ODIEL.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li fl-aħħar tas-sena kummerċjali 201, EQO ma kinitx għadha proprjetà ta' ERCROS (ikkunsidrata bħala "impriża kbira"), la direttament u lanqas indirettament, iżda kienet proprjetà ta' SALINAS DE ONIEL (ikkunsidrata bħala "impriża ta' daqs medju").

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-fattur rilevanti għad-determinazzjoni tad-daqs tal-impriża ta' EQO, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, ma jistax ikun differenti mir-rabta li kellha EQO mal-impriża li kienet il-kumpannija omm tagħha fl-aħħar tas-sena kummerċjali 2015, hekk kif rifless fil-kontijiet annwali għal dik is-sena, u mhux mill-fatt li din ir-rabta kienet konġunturali u strumentali matul is-sena ta' referenza.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-applikazzjoni tar-rata korretta ma għandhiex tkun dik prevista għal impriża kbira, iżda dik intiża għal impriża ta' daqs medju, peress li r-rabta li għandha tiġi stabbilita għal dan il-għan hija dik bejn EQO u SALINAS DEL ODIEL, u mhux bejn EQO u ERCROS.

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2018 – Stada Arzneimittel vs EUIPO (ViruProtect)**

**(Kawża T-487/18)**

(2018/C 352/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)